SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

21 ta' Marzu 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Suq intern tal-gass naturali – Konċessjonijiet ta' servizz pubbliku ta' distribuzzjoni – Waqfien antiċipat ta' konċessjonijiet fi tmiem perijodu tranżitorju – Rimbors dovut mill-konċessjonarju l-ġdid lill-ex konċessjonarju – Prinċipju ta' ċertezza legali"

Fil-Kawża C-702/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Ġunju 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-14 ta' Diċembru 2017, fil-proċedura

Unareti SpA

vs

Ministero dello Sviluppo Economico,

Presidenza del Consiglio dei Ministri - Dipartimento per gli Affari Regionali,

Autorità Garante per l'Energia Elettrica e il Gas hemm Sistema idrico —

Presidenza del Consiglio dei Ministri - Conferenza Stato Regioni ed Unificata,

Ministero per gli affari regionali – Dipartimento per gli affari regionali e le autonomie,

Conferenza Unificata Stato Regioni e Enti Locali,

fil-preżenza ta':

Lucia Sanfilippo,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot (Relatur), President tal-Awla, C. Toader, A. Rosas, L. Bay Larsen u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Unareti SpA, minn G. Caia, A. Clarizia, M. Midiri u S. Colombari, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. Sclafani, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn O. Beynet, G. Gattinara u P. Ondrůšek, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku u tal-prinċipju ta' ċertezza legali.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, Unareti SpA u, min-naħa l-oħra, il-Ministero dello Sviluppo Economico (il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku, l-Italja), il-Presidenza del Consiglio dei Ministri – Dipartimento per gli Affari Regionali (il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri – Dipartiment tal-Affarijiet Reġjonali, l-Italja), l-Autorità Garante per l'Energia Elettrica il Gas e il Sistema Idrico – Sede di Milano (l-Awtorità tal-Elettriku, tal-Gass u tal-Ilma – Sede ta' Milano, l-Italja), il-Presidenza del Consiglio dei Ministri – Conferenza Stato Regioni ed Unificata (il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri – Konferenza Stat Reġjuni u Unifikata, l-Italja), il-Ministero per gli affari regionali – Dipartimento per gli affari regionali e le autonomie (il-Ministeru għall-Affarijiet Reġjonali – Dipartiment tal-Affarijiet Reġjonali u tal-Awtonomiji, l-Italja) u l-Conferenza Unificata Stato Regioni e Enti Locali (il-Konferenza Unifikata Stat Reġjuni u Awtoritajiet Lokali, l-Italja) dwar rikors intiż għall-annullament, minn naħa, tad-decreto ministeriale nº74951 recante "Approvizione del documento 'Linee Guida su criteri e modalità applicative per la valutazione del valore del rimborso degli impianti di distributzione del gas naturale'" (id-Digriet Ministerjali Nru 74951 li Japprova d-Dokument "Linji Gwida dwar il-Kriterji u l-Modalitajiet ta' Applikazzjoni għall-Evalwazzjoni tal-Valur tar-Rimbors tal-Impjanti ta' Distribuzzjoni tal-Gass Naturali"), tat-22 ta' Mejju 2014 (GURI Nru°129, tas-6 ta' Ġunju 2014), u, min-naħa l-oħra, tad-decreto interministeriale nº106, regolamento recante modifica al decreto del 12 novembre 2011, nº226, concernente i criteri di gara per l'affidamento del servizio di distribuzione del gas naturale (id-Digriet Interministerjali Nru 106, Regolament li Jemenda d-Digriet Nru 226 tat-12 ta' Novembru 2011 dwar il-Kriterji ta' Sejħa għal Offerti għas-Suq tas-Servizz ta' Distribuzzjoni tal-Gass Naturali), tal-20 ta' Mejju 2015 (GURI Nru°161, tal-14 ta' Lulju 2015).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009, L 211, p. 94), jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jinnominaw, jew jesiġi li l-impriżi li għandhom jew li huma responsabbli għal sistemi ta' distribuzzjoni jinnominaw, għal perijodu li għandu jiġi determinat mill-Istati Membri, wara li jkunu kkunsidraw kwistjonijiet ta' effikaċja u bilanċ ekonomiku, operatur tas-sistemi ta' trasmissjoni [distribuzzjoni] wieħed jew aktar, […]"

Id-dritt Taljan

4 L-Artikolu 14 tad-decreto legislativo n. 164, attuazione della direttiva n. 98/30/CE recante norme comuni per il mercato interno del gas naturale, a norma dell'articolo 41 della legge 17 maggio 1999, n. 144 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 164, li Jimplimenta d-Direttiva 98/30/KE li Tirrigwarda Regoli Komuni għas-Suq Intern fil-Gass Naturali, skont l-Artikolu 41 tal-Liġi Nru 144 tas-17 ta' Mejju 1999), tat-23 ta' Mejju 2000 (GURI Nru 142, tal-20 ta' Ġunju 2000), jipprevedi li l-attività ta' distribuzzjoni tal-gass naturali hija, bħala prinċipju, attività ta' servizz pubbliku fdata mill-komuni lil konċessjonarji magħżula esklużivament permezz ta' sejħiet għal offerti, għal perijodu li ma jistax jeċċedi tnax-il sena.

5 Fir-rigward tal-konċessjonijiet ta' distribuzzjoni tal-gass naturali fis-seħħ li ma ngħatawx permezz ta' proċedura pubblika, l-Artikolu 15(5) ta' dan id-digriet leġiżlattiv jippreċiża:

"Għall-attività ta' distribuzzjoni tal-gass, il-konċessjonijiet eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan id-digriet, kif ukoll dawk mogħtija lill-kumpanniji li jirriżultaw mit-trasformazzjoni tal-operaturi attwali, għandhom ikomplu sad-data ta' skadenza stabbilita, jekk din isseħħ qabel l-iskadenza tal-perijodu tranżitorju previst fl-Artikolu 15(7). Il-konċessjonijiet fis-seħħ li ma għandhomx data ta' skadenza, jew li d-data ta' skadenza tagħhom tkun tagħlaq wara l-perijodu tranżitorju, għandhom ikomplu sat-tmiem ta' dan il-perijodu tranżitorju. F'dan l-aħħar każ, id-detenturi tal-kuntratti u tal-konċessjonijiet fis-seħħ għandhom jirċievu rimbors, mingħand l-operatur il-ġdid […], ikkalkulat skont il-modalitajiet stipulati fil-ftehimiet jew fil-kuntratti u, sa fejn dawn il-modalitajiet ma jistgħux jiġu dedotti mir-rieda tal-partijiet, skont il-kriterji msemmija fl-Artikolu 24(a) u (b) tar-regio decreto n. 2578 [approvazione del testo unico della legge sull'assunzione diretta dei pubblici servizi da parte dei comuni e delle province (id-Digriet Irjali Nru 2578, Approvazzjoni tat-Test Uniku tal-Liġi dwar l-Eżekuzzjoni Diretta tas-Servizzi Pubbliċi mill-Komuni u mill-Provinċji), (GURI Nru 52, tal-4 ta' Marzu 1926) tal-15 ta' Ottubru 1925. L-evalwazzjoni tat-telf ta' profitt li jirriżulta mit-terminazzjoni antiċipata tar-relazzjoni ta' operat hija dejjem esklużа."

6 L-Artikolu 24 tad-Digriet Irjali Nru 2578, tal-15 ta' Ottubru 1925, jipprovdi li, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni dwar il-waqfien mill-komuni tal-konċessjonijiet ta' servizzi, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kriterji sussegwenti:

"a) [I]l-valur industrijali tal-impjant u tat-tagħmir mobbli u immobbli, b'teħid inkunsiderazzjoni taż-żmien li jkun għadda mill-bidu effettiv tal-operat u ta' kull xogħol eventwali ta' rranġar mill-ġdid li jkun sar fuq l-impjant jew fuq it-tagħmir, kif ukoll tal-klawżoli li jistgħu jinsabu fil-kuntratt ta' konċessjoni relatati mal-proprjetà tat-tagħmir inkwistjoni, fid-data tal-iskadenza tal-konċessjoni inkwistjoni;

b) il-ħlasijiet bil-quddiem jew is-sussidji mogħtija mill-komuni, kif ukoll l-ammont tat-taxxi ta' reġistrazzjoni proporzjonali mħallsa bil-quddiem mill-konċessjonarji u l-primjums eventwalment imħallsa lill-komuni konċedenti, dejjem b'teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi inklużi fil-punt preċedenti."

7 L-Artikolu 5(2) u (3), tad-decreto n. 226 del ministro dello sviluppo economico e del ministro per i rapporti con le regioni e la coesione territoriale recante regolamento per i criteri di gara e per la valutazione dell'offerta per l'affidamento del servizio della distribuzione del gas naturale, in attuazione dell'articolo 46-bis del decreto legge 1° ottobre 2007 n. 159, convertito in legge, con modificazioni, dalla legge 29 novembre 2007, n. 222 (id-Digriet Nru 226 tal-Ministru għall-Iżvilupp Ekonomiku u tal-Ministru Responsabbli għar-Relazzjonijiet mar-Reġjuni u għall-Koeżjoni Territorjali li Jistabbilixxi Regoli għall-Kriterji ta' Sejħa għal Offerti u għall-Evalwazzjoni tal-Offerta għall-Għoti tas-Servizz Pubbliku ta' Distribuzzjoni tal-Gass Naturali, b'Implimentazzjoni tal-Artikolu 46a tad-Digriet-Liġi

Nru 159 tal-1 ta' Ottubru 2007, mibdul f'liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 222, tad-29 ta' Novembru 2007), tat-12 ta' Novembru 2011 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 22, tas-27 ta' Jannar 2012), fil-verżjoni inizjali tiegħu, jipprovdi:

"2. Il-valur tar-rimbors imħallas lid-detenturi tal-kuntratti u tal-konċessjonijiet li għandhom jintemmu u li għalihom ma hija prevista l-ebda data ta' skadenza, jew li d-data ta' skadenza naturali tagħhom isseħħ wara d-data tat-tmiem tas-servizz previst fl-avviż ta' kuntratt ġdid, għandu jiġi kkalkolata abbażi tal-istipulazzjonijiet tal-ftehimiet jew tal-kuntratti, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 164, tat-23 ta' Mejju 2000, kif emendat, b'mod partikolari fil-każ ta' xoljiment antiċipat tal-kuntratt, jiġifieri qabel id-data ta' skadenza naturali tiegħu.

3. Fil-każ li l-metodu ta' kalkolu tal-valur tar-rimbors lid-detenturi msemmi fl-Artikolu 5(2) ma jistax jiġi dedott mid-dokumenti kuntrattwali, inkluż meta dawn jindikaw b'mod ġenerali li r-rimbors għandu jsir bil-prezzijiet tas-suq, il-kriterji msemmija fl-Artikolu 24(4)(a) u (b) tad-Digriet Irjali Nru 2578, tal-15 ta' Ottubru 1925, għandhom japplikaw, skont il-modalitajiet ppreċiżati fl-Artikolu 5(5) sa (13), biss għall-parti tal-impjant li hija l-proprjetà tal-operatur u li fir-rigward tagħha ma huwiex previst, mad-data ta' skadenza naturali tal-konċessjoni, li din tkun ittrasferita mingħajr ħlas lill-awtorità lokali konċedenti."

8 L-Artikolu 4(6) tad-decreto-legge n. 69 convertito, con modificazioni, dalla legge 9 agosto 2013 n. 98, disposizioni urgenti per il rilancio dell' economia (id-Digriet-Liġi Nru 69, mibdul f'liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 98, tad-9 ta' Awwissu 2013, li Jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Urġenti għall-Irkupru tal-Ekonomija), tal-21 ta' Ġunju 2013 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 144, tal-21 ta' Ġunju 2013), jipprevedi li, sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvolġiment tas-sejħiet għal offerti għall-għoti tal-kuntratt ta' distribuzzjoni tal-gass u sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż għall-awtoritajiet lokali u għall-impriżi, "il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku jista' joħroġ Linji Gwida dwar il-Kriterji u l-Modalitajiet Prattiċi għall-Evalwazzjoni tal-Valur tar-Rimbors tal-Impjanti ta' Distribuzzjoni tal-Gass Naturali, skont l-Artikolu 5 tad-Digriet Nru 226, tat-12 ta' Novembru 2011".

9 Il-"Linji Gwida dwar il-Kriterji u l-Modalitajiet ta' Applikazzjoni għall-Evalwazzjoni tal-Valur tar-Rimbors tal-Impjanti ta' Distribuzzjoni tal-Gass Naturali" imsemmija fid-Digriet-Liġi Nru 69, tal-21 ta' Ġunju 2013, ġew approvati permezz tad-Digriet Ministerjali Nru 74951, tat-22 ta' Mejju 2014.

10 L-Artikolu 1(16) tad-decreto-legge n°145 convertito, con modificazioni, dalla legge 21 febbraio 2014 n° 9, interventi urgenti di avvio del piano "destinazione Italia" per il contenimento delle tariffe elettriche e del gas, per l'internazionalizzazione, lo sviluppo e la digitalizzazione delle imprese, nonché misure per la realizzazione di opere pubbliche ed EXPO 2015 (id-Digriet-Liġi Nru 145, mibdul f'liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 9, tal-21 ta' Frar 2014, li Jistabbilixxi Miżuri Urġenti ta' Tnedija tal-Pjan "Destinazzjoni Italja" bil-Għan li Jiġu Llimitati t-Tariffi tal-Elettriku u tal-Gass, għall-Internazzjonalizzazzjoni, l-Iżvilupp u d-Diġitalizzazzjoni tal-Impriżi, kif ukoll Miżuri għat-Twettiq tax-Xogħlijiet Pubbliċi u għall-EXPO 2015), tat-23 ta' Diċembru 2013 (GURI Nru 300, tat-23 ta' Diċembru 2013, emenda l-Artikolu 15(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 164, tat-23 ta' Mejju 2000, billi ssostitwixxa, sabiex jiġu rregolati l-aspetti mhux irregolati mill-ftehimiet u mill-kuntratti kkonċernati, ir-riferiment għall-kriterji msemmija fl-Artikolu 24(a) u (b) tad-Digriet Irjali Nru 2578, tal-15 ta' Ottubru 1925, bir-riferiment "għall-Linji Gwida dwar il-Kriterji u l-Modalitajiet ta' Applikazzjoni għall-Evalwazzjoni tal-Valur tar-Rimbors imsemmija fl-Artikolu 4(6) tad-Digriet-Liġi Nru 69, tal-21 ta' Ġunju 2013".

11 Id-decreto-legge del 24 giugno 2014, n°91 convertito, con modificazioni, dalla legge 11 agosto 2014 n° 116, dispozizioni urgenti per il settore agricolo, la tutela ambientale e l'efficientamento energetico dell'edilizia scolastica e universitaria, il rilancio e lo sviluppo delle imprese, il contenimento dei costi gravanti sulle tariffe elettriche, nonché per la definizione immediata di adempimenti derivanti dalla norvativa europea (id-Digriet-Liġi Nru 91, mibdul f'liġi, b'emendi, permezz tal-Liġi Nru 116, tal-11 ta' Awwissu 2014, li Jistabbilixxi Dispożizzjonijiet Urġenti għas-Settur Agrikolu, għall-Protezzjoni

tal-Ambjent u għall-Effikaċja Enerġetika tal-Iskejjel u tal-Universitajiet, għall-Irkupru u għall-Iżvilupp tal-Impriżi, għall-Limitazzjoni tal-Ispejjeż Relatati mat-Tariffi tal-Elettriku, kif ukoll għad-Definizzjoni Immedjata tal-Formalitajiet li Jirriżultaw mil-Leġiżlazzjoni Ewropea), tal-24 ta' Ġunju 2014 (GURI Nru 144, tal-24 ta' Ġunju 2014), emenda għal darb'oħra l-Artikolu 15(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 164, tat-23 ta' Mejju 2000, billi pprovda li r-rimbors għandu jiġi kkalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet u tal-kuntratti "sakemm dawn kienu ġew stipulati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ" tad-Digriet Nru 226, tat-12 ta' Novembru 2011.

12 L-Artikolu 5(2) tad-Digriet Nru 226, tat-12 ta' Novembru 2011, kif emendat bid-Digriet Interministerjali Nru 106, tal-20 ta' Mejju 2015, jipprevedi li l-kriterju ta' determinazzjoni naturali għandu japplika "sakemm id-dokumenti kuntrattwali kienu ġew stabbiliti qabel il-11 ta' Frar 2012 u jinkludu l-elementi metodoloġiċi kollha, bħal-lista tal-prezzijiet applikabbli għat-tipi differenti ta' tagħmir li għandha tiġi applikata għall-inventarju tal-beni aġġornat u t-trattament tad-degradazzjoni fiżika, inkluż it-tul ta' ħajja tad-diversi tipi ta' tagħmir, għall-kalkolu u għall-verifika tal-valur tar-rimbors, inkluż mill-awtorità". L-Artikolu 5(3) jipprovdi wkoll li, fil-każ li l-metodu ta' kalkolu tal-valur tar-rimbors "ma jkunx jista' jiġi dedott mid-dokumenti kuntrattwali stabbiliti qabel il-11 ta' Frar 2012, inkluż meta dawn jindikaw b'mod ġenerali li l-valur tar-rimbors għandu jiġi kkalkolat abbażi tad-Digriet Irjali Nru 2578, tal-15 ta' Ottubru 1925, mingħajr preċiżazzjoni tal-metodu, jew evalwat skont il-prezzijiet tas-suq" il-modalitajiet speċifikati fl-Artikolu 5(5) sa (13) tad-Digriet Nru 226, tat-12 ta' Novembru 2011, għandhom japplikaw "biss għall-partijiet tal-impjant li jkunu l-proprjetà tal-operatur u li fir-rigward tagħhom ma huwiex previst li, mad-data ta' skadenza naturali tal-konċessjoni, dawn ser ikunu ttrasferiti mingħajr ħlas lill-awtorità lokali konċedenti, skont il-modalitajiet prattiċi ppreċiżati fil-Linji Gwida dwar il-Kriterji u l-Modalitajiet Prattiċi għall-Evalwazzjoni tal-Valur tar-Rimbors".

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

13 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Unareti tiżgura s-servizz pubbliku ta' distribuzzjoni tal-gass naturali f'213-il komun fl-Italja, li l-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu fir-Reġjun tal-Lombardia, fuq netwerk ta' madwar 7 650 kilometru (km) u għal volum ta' distribuzzjoni annwali ta' madwar 2 biljuni ta' metri kubiċi ta' gass.

14 Hija talbet lit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio, l-Italja) tannulla l-"Linji Gwida dwar il-Kriterji u l-Modalitajiet ta' Applikazzjoni għall-Evalwazzjoni tal-Valur tar-Rimbors tal-Impjanti ta' Distribuzzjoni tal-Gass Naturali", approvati permezz tad-Digriet Ministerjali Nru 74951, tat-22 ta' Mejju 2014.

15 Hija sussegwentement ikkompletat ir-rikors tagħha permezz ta' talbiet intiżi għall-annullament tad-Digriet Ministerjali Nru 106, tal-20 ta' Mejju 2015.

16 Unareti b'mod partikolari sostniet li d-digrieti kkontestati jmorru kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali sa fejn hija tista' ssib ruħha retroattivament imċaħħda mill-possibbiltà li tirreferi, għall-kalkolu tar-rimbors li hija intitolata għalih bħala ex konċessjonarju, għall-klawżoli kuntrattwali jew għad-Digriet Irjali Nru 2578, tal-15 ta' Ottubru 1925, u obbligata tirreferi għall-"Linji Gwida dwar il-Kriterji u l-Modalitajiet ta' Applikazzjoni għall-Evalwazzjoni tal-Valur tar-Rimbors tal-Impjanti ta' Distribuzzjoni tal-Gass Naturali" approvati permezz tad-Digriet Ministerjali Nru 74951, tat-22 ta' Mejju 2014, fatt li jkun ta' żvantaġġ għaliha.

17 Permezz ta' sentenza tal-14 ta' Ottubru 2016, it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali tal-Lazio) ċaħdet ir-rikors.

18 Unareti appellat minn din is-sentenza quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja).

19 Din il-qorti tindika li hija mitluba tirrikonċilja l-ftuħ tas-suq inkwistjoni għall-kompetizzjoni mal-protezzjoni tar-relazzjonijiet kuntrattwali diġà mnissla. Għal dan l-għan, hija tqis neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-"liġijiet tal-Unjoni rilevanti" u l-prinċipju ta' ċertezza legali, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, ASM Brescia (C-347/06, EU:C:2008:416, punt 71), u tat-12 ta' Diċembru 2013, Test Claimants in the Franked Investment Income Group Litigation, C-362/12, EU:C:2013:834, punt 44), sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn jipprekludux l-emendi introdotti permezz tad-digrieti kkontestati.

20 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) iddeċieda li jissospendi l-proċedura u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tistabbilixxi jekk dawn il-prinċipji u liġijiet jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali […] li tipprevedi l-applikazzjoni retroattiva tal-kriterji għad-determinazzjoni tal-ammont tar-rimborsi dovuti lill-ex konċessjonarji, b'effett fuq relazzjonijiet kuntrattwali preċedenti, jew jekk l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji hijiex iġġustifikata, anki fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, mill-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi pubbliċi ta' importanza Ewropea, li jirrelataw mal-ħtieġa li titjieb il-protezzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq inkwistjoni u li tingħata protezzjoni ikbar lill-utenti tas-servizz, li jistgħu jbatu, indirettament, l-effetti ta' żieda eventwali tas-somom dovuti lill-ex konċessjonarji?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

21 Qabel kollox, għandu jiġi miċħud l-argument li permezz tiegħu l-Gvern Taljan isostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli inkwantu din ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

22 Skont dan l-artikolu, minbarra t-test tad-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi, l-ewwel nett, espożizzjoni fil-qosor tas-suġġett tal-kawża kif ukoll tal-fatti rilevanti, kif ġew ikkonstatati mill-qorti tar-rinviju jew, minn tal-inqas, espożizzjoni tal-informazzjoni fattwali li fuqha huma bbażati d-domandi, it-tieni nett, il-kontenut tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu japplikaw għall-kawża ineżami u, jekk ikun il-każ, il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti u, it-tielet nett, l-espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali (sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International, C-48/15, EU:C:2016:356, punt 22).

23 Issa, mit-termini tad-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li din tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet, inkwantu din tindika b'mod suffiċjenti l-informazzjoni fattwali tal-kawża prinċipali, imsemmija fil-punti 13 sa 15 ta' din is-sentenza, tindika lill-Qorti tal-Ġustizzja l-kuntest ġuridiku nazzjonali rilevanti, imfakkar fil-punti 4 sa 12 ta' din is-sentenza, u tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tifhem ir-raġunijiet, imsemmija fil-punti 16 u 19 ta' din is-sentenza, li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku u tal-prinċipju ta' ċertezza legali fil-kuntest tal-kawża prinċipali.

24 Minn dan isegwi li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija ammissibbli.

Fuq id-domanda preliminari

25 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża

prinċipali, li temenda r-regoli ta' riferiment għall-kalkolu tar-rimbors li huma intitolati għalih id-detenturi ta' konċessjonijiet ta' distribuzzjoni tal-gass naturali mogħtija mingħajr sejħa għal offerti minħabba l-waqfien antiċipat tal-imsemmija konċessjonijiet bil-għan li dawn jerġgħu jingħataw wara sejħa għal offerti.

26 Għandu jitfakkar li, fil-qasam ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku, id-dritt sekondarju tal-Unjoni applikabbli għall-kawża prinċipali, jiġifieri l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2009/73, sempliċement jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jinnominaw operatur wieħed jew iktar tas-sistema ta' distribuzzjoni għal ċertu perijodu ta' żmien li huma għandhom jiddeterminaw abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' effettività u ta' bilanċ ekonomiku.

27 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għalkemm konċessjoni ta' servizz pubbliku ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttivi dwar il-kategoriji differenti ta' kuntratti pubbliċi (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2005, Coname, C-231/03, EU:C:2005:487, punt 16), mid-dritt primarju tal-Unjoni jirriżulta li l-awtoritajiet pubbliċi huma obbligati, meta jkollhom l-intenzjoni jagħtu tali konċessjoni, josservaw ir-regoli fundamentali tat-Trattat FUE, b'mod ġenerali, u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, b'mod partikolari (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2000, Telaustria u Telefonadress, C-324/98, EU:C:2000:669, punt 60).

28 B'mod iktar partikolari, sa fejn tali konċessjoni tippreżenta interess transkonfinali ċert, l-għoti tagħha, fin-nuqqas ta' kull trasparenza, lil impriża li tinsab fl-Istat Membru li taħtu taqa' l-awtorità kontraenti jikkostitwixxi differenza fit-trattament għad-dannu tal-impriżi li jistgħu jkunu interessati fiha li jinsabu fi Stat Membru ieħor (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, ASM Brescia, C-347/06, EU:C:2008:416, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Sakemm ma tkunx iġġustifikata minn ċirkustanzi oġġettivi, tali differenza fit-trattament, li, peress li teskludi lill-impriżi kollha li jinsabu fi Stat Membru differenti minn dak li taħtu taqa' l-awtorità kontraenti, taħdem prinċipalment għad-dannu tagħhom, tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta minħabba n-nazzjonalità, li hija pprojbita taħt l-Artikoli 49 u 56 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, ASM Brescia, C-347/06, EU:C:2008:416, punt 60).

30 Dan imfakkar, għandu jiġi rrilevat li r-regoli msemmija fil-punti 26 sa 29 ta' din is-sentenza jirrigwardaw l-obbligi li huma imposti fuq l-awtorità kontraenti waqt l-għoti ta' konċessjoni ta' servizz pubbliku ta' distribuzzjoni tal-gass naturali, b'mod partikolari fil-każ fejn din il-konċessjoni tippreżenta interess transkonfinali ċert.

31 Issa, dan la huwa l-għan u lanqas l-effett tad-digrieti kkontestati fil-kawża prinċipali, li jirrigwardaw biss ir-regoli ta' riferiment għall-kalkolu tar-rimbors previst mid-dritt nazzjonali, jiġifieri l-Artikolu 15(5) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 164, tat-23 ta' Mejju 2000, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, favur id-detentur ta' konċessjoni fis-seħħ mogħtija mingħajr sejħa għal offerti minn qabel u xolta b'mod antiċipat bil-għan tal-għoti mill-ġdid tagħha wara proċedura ta' sejħa għal offerti abbażi tad-dritt nazzjonali biss, jiġifieri l-Artikolu 14 tal-istess digriet leġiżlattiv, peress li d-Direttiva 2009/73 ma tipprevedix il-kontestazzjoni tal-konċessjonijiet ta' distribuzzjoni tal-gass eżistenti.

32 Minn dan isegwi li l-kontestazzjoni inkwistjoni tal-konċessjonijiet eżistenti, li l-konsegwenzi tagħhom huma parzjalment iddeterminati mid-digrieti kkontestati fil-kawża prinċipali, ma tirriżultax mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku ta' distribuzzjoni tal-gass.

33 Barra minn hekk, l-emenda għar-regoli ta' riferiment introdotta permezz ta' dawn id-digrieti, li hija intiża li tillimita, f'ċerti każijiet, il-possibbiltà għall-benefiċjarju tar-rimbors li jirreferi għall-klawżoli tal-kuntratt ta' konċessjoni jew għad-Digriet Irjali Nru 2578, tal-15 ta' Ottubru 1925, ma tistax, fiha nnifisha, tikkostitwixxi differenza fit-trattament għad-dannu ta' impriżi li jistgħu jkunu interessati

f'servizz bħal dak operat minn Unareti u li huma stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru differenti mill-Italja. Fil-fatt, tali emenda tar-regoli ta' riferiment tapplika mingħajr distinzjoni fir-rigward tal-impriżi li għandhom is-sede tagħhom fl-Italja u fir-rigward ta' dawk li għandhom is-sede tagħhom fi Stat Membru ieħor.

34 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, għalkemm il-prinċipju ta' ċertezza legali huwa impost, skont id-dritt tal-Unjoni, fuq kull awtorità nazzjonali, dan huwa biss inkwantu din għandha l-obbligu tapplika d-dritt tal-Unjoni (ara f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, ASM Brescia, C-347/06, EU:C:2008:416, punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Issa, hekk kif ġie indikat fil-punti 32 u 33 ta' din is-sentenza, l-awtoritajiet Taljani, billi temmew b'mod antiċipat il-konċessjonijiet eżistenti u billi adottaw id-digrieti kkontestati fil-kawża prinċipali, ma aġixxewx abbażi tal-obbligu tagħhom li japplikaw id-dritt tal-Unjoni.

36 Din il-karatteristika tal-kawża prinċipali tiddistingwiha, f'dan ir-rigward, minn dawk, imsemmija mill-qorti tar-rinviju, li taw lok għas-sentenzi tas-17 ta' Lulju 2008, ASM Brescia (C-347/06, EU:C:2008:416, punt 71), u tat-12 ta' Diċembru 2013, Test Claimants in the Franked Investment Income Group Litigation (C-362/12, EU:C:2013:834), li fihom il-prinċipju ta' ċertezza legali ġie applikat b'riferiment għall-eżistenza ta' obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, li abbażi tagħhom l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kellhom, rispettivament, jiġġustifikaw differenza fit-trattament li tidderoga mir-regoli msemmija fil-punti 27 sa 29 ta' din is-sentenza u jirrimborsaw it-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

37 Jeħtieġ, konsegwentement, li r-risposta għad-domanda magħmula tkun li d-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li temenda r-regoli ta' riferiment għall-kalkolu tar-rimbors li huma intitolati għalih id-detenturi ta' konċessjonijiet ta' distribuzzjoni tal-gass naturali mogħtija mingħajr sejħa għal offerti minħabba l-waqfien antiċipat tal-imsemmija konċessjonijiet bil-għan li dawn jerġgħu jingħataw wara sejħa għal offerti.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Id-dritt tal-Unjoni fil-qasam ta' konċessjonijiet ta' servizz pubbliku, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' ċertezza legali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li temenda r-regoli ta' riferiment għall-kalkolu tar-rimbors li huma intitolati għalih id-detenturi ta' konċessjonijiet ta' distribuzzjoni tal-gass naturali mogħtija mingħajr sejħa għal offerti minħabba l-waqfien antiċipat tal-imsemmija konċessjonijiet bil-għan li dawn jerġgħu jingħataw wara sejħa għal offerti.

Firem